A.L. 491 tal-2010

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni tal-2010 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru.6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2010 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru.6).

Proprjeta` assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skont l-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2010.

Deskrizzjoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 hi din li ġejja, jiġifieri:

Sit f'Pembroke reġistrata bħala Tenement Nru. E21362 tal-kejl ta' madwar 237 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2010_335.

VERŻJONI ELETTRONIKA

